## Memorandum ta' Spjegazzjoni

**Dan il-Memorandum ta' Spjegazzjoni huwa importanti u jirrikjedi l-attenzjoni immedjata tiegħek.**

**Dan id-dokument għandu jinqara fit-totalita' kollu qabel tittieħed deċiżjoni dwar kif ser tivvota fir-rigward tar-Riżoluzzjoni Straordinarja.**

Dan il-Memorandum ta' Spjegazzjoni jistabbilixxi l-bidliet proposti li għandhom isiru lill-objettiv tal- investiment ta' APS Global Equity Fund, sub-fond ta' APS Funds SICAV p.l.c. (is-"**Sub-Fond**" u l-"**Kumpanija**" rispettivament) permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja (negozju speċjali) li ser tiġi kkunsidrata u, jekk ikun meqjus xieraq, approvata u mgħoddija waqt il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja li ser issir fit-22 ta' Lulju 2024 fis-7.00 ta' filgħaxija f'The Phoenicia Malta, il-Mall, il-Furjana, Malta (il-"**Laqgħa Straordinarja**").

**L-GĦAN TAL-MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**
Dan il-Memorandum ta' Spjegazzjoni qiegħed jintbagħat lid-detenturi kollha tal-Class A EUR Accumulator Shares u Class B EUR Distributor Shares (l-"**Azzjonisti**") li huma intitolati jipparteċipaw u jivvutaw fil- Laqgħa Straordinarja sabiex jgħinhom jieħdu deċiżjoni infurmata kif xieraq dwar ir-riżoluzzjoni straordinarja li ser titressaq għall-votazzjoni.

F'KAŻ LI AZZJONISTI LI JIRĊIEVU DAN ID-DOKUMENT IKOLLHOM XI DUBJU DWAR L-IMPORTANZA TIEGĦU JEW DWAR X'AZZJONI HIJA MEĦTIEĠA MINNHOM B'RABTA MA' DIN IR-RIŻOLUZZJONI, HUMA MĦEĠĠA JIKKONSULTAW KONSULENT PROFESSJONALI INDIPENDENTI TAL-GĦAŻLA TAGĦHOM.

Kif stabbilit fis-suppliment tal-offerta tas-Sub-Fond li huwa applikabbli bħalissa u li ġie approvat mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fil-21 ta' Novembru 2022, l-objettiv tal-investiment preżenti huwa dan:

*The investment objective of the Sub-Fund is to achieve long-term capital appreciation through investment, primarily, in a diversified portfolio of equity securities.*

Permezz ta' ristrutturar tal-Kumpanija u s-sub-fondi tagħha hekk kif propost minn ReAPS Asset Management Limited (l-"**Investment Manager**"), is-Sub-Fond ser ikollu l-għan li japplika andament etiku fl-għażla ta' strumenti ta' investiment, hekk kif spjegat fl-Ethical Policy stabbilita mill-Investment Manager u approvata mill-Kumpanija. Il-Bord jemmen li l-emenda proposta tippermetti bidla strateġika lejn l-inkorporazzjoni ta' prinċipji etiċi, li hija enfasizzata fl-objettiv tal-investiment.

Jekk il-bidla tiġi approvata, l-objettiv tas-Sub-Fond ikun is-segwenti:

*The investment objective of the Sub-Fund is to achieve long-term capital growth and income generation following the principles of the Ethical Policy. The Sub-Fund's strategy is to adapt to varying market conditions to optimize returns while managing risk through a diversified asset allocation approach.*

Il-Bord jenfasizza li filwaqt li l-objettiv preċedenti kien iffukat prinċipalment fuq it-titoli ta' ekwità, l-objettiv kif propost jippermetti diversifikazzjoni akbar fost il-klassijiet tal-assi, primarjament dawk tal-bonds. Permezz ta' dan it-twessigħ, is-Sub-Fond ser ikollu l-għan li jtejjeb l-opportunitajiet ta' tkabbir kapitali fuq perjodu twil, filwaqt li jkun hemm allinjament ma' kunsiderazzjonijiet etiċi f'konformità mal-Ethical Policy tal-Kumpanija.

Il-Bord, wara li evalwa l-kunsiderazzjonijiet neċessarji, huwa tal-opinjoni li r-riżoluzzjoni straordinarja proposta hija fl-aħjar interess tal-Azzjonisti u jirrakkomanda li l-Azzjonisti jivvutaw favur din ir-riżoluzzjoni straordinarja fil- Laqgħa li jmiss.

APS Funds SICAV p.l.c. hi liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji bħala Retail UCITS Collective Investment Scheme